# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Mejju 2016
Nru. 207






# 50 Sena Saċerdot, 18-il sena Isqof



Nhar il-Ħadd 24 ta' April, E.T. Mons Silvestru Magro, OFM, Isqof Emeritus ta' Benghazi, fil-Libja ċċelebra 50 sena Saċerdot kif ukoll 18-il sena Isqof. Huwa mexxa quddiesa Pontifikali ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat.

Fi Knisja mimlija bil-familjar u ħbieb kif ukoll bosta patrijiet ħafna kienu

ikompli f'paġna 2



## Il-Ministru Provinċjal f'Galveston



Il-Minstru Provinċjal P. Richard S. Grech attenda għal-laqgħa f'Galveston, Texas bejn l-4 u t-8 ta' April. Din il-laqgħa kienet organizzata mil-Konferenza tal-Ministri Provinċjali tal-Linġwa Inġliża.

ikompli f'paġna 4

## Int qiegħed tgħix jew teżisti?! Ħaj jew mejjet u ma tafx?!

Darba smajt storja ħelwa bl-Ingliż li fiha tagħlima importanti ħafna. Ix-xitan fettillu jsejjaħ Konċilju fl-Infern. Ix-xjaten kollha kienu preżenti. Wieħed jista' jgħid li tassew kien hemm pandemonju sħiħ! Xtaq jisma' mingħandhom suġġerimenti ta' mezzi u modi ġodda kif ikompli jirbaħ aktar erwieħ għall-Infern. Kollha bdew jagħmlu *brainstorming,* kif ngħidu bl-Ingliż. Min semmhielu l-pornografija, min ir-rebgħa għall-flus, min l-ambizzjoni biex jilħaq. Insomma ħarġu b'ħafna idejat li ma għoġbu xejn lix-xitan għax kif qalilhom hu, ma kienu qalulu xejn ġdid. Fl-aħħar qalilhom li hu kellu s-soluzzjoni ta' kollox. Qalilhom, "Żommuhom il-ħin kollu okkupati jagħmlu xi ħaġa" – *Keep them busy* (la l-istorja bl-Ingliż) Tagħtuhomx ħin sabiex jikkoltivaw ir-relazzjoni tagħhom ma Ġesu' – għax B.U.S.Y. tfisser *Being Under Satan's Yoke* – bil-Malti – Taħt il-Madmad tax-Xitan! Imħassbin, imtaqqlin, pro-okkupati u okkupati, f'kelma waħda – stressjati!

U allura l-Kappillan moħħu fil-*fund raising activities* biex jirranġa l-Knisja. Il-patrijiet imħabbtin jorganizzaw il-

ikompli f'paġna 2

minn paġna 1

pellegrinaġġi. In-nisa tad-dar jagħmlu l-*coffee mornings* għall-parroċċa. Min inaddaf il-Knisja, min jorganizza laqgħat u *prayer meetings* u *healing services*. *Rehearsals* tal-kant, etc. etc. etc.. Dan u aktar. Il-ħin kollu okkupati u preokkupati tant, li waqt li nagħmlu "x-xogħol tal-Mulej, ninsew il-Mulej tax-xagħol" (Kardinal Carlo Maria Martini). Fil-bidu tal-Pontifikat tiegħu il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI kien qal ġewwa Castel Gandolfo fl-20 ta' Awwissu, 2006 "Il troppo lavoro rischia indurire il cuore, anche quello del Papa e dei suoi più "alti" collaboratori." Din it-twissija ħada minn kitba qasira ta' San Bernard lill-Papa Ewgenju III, li kien diġa' dixxiplu tiegħu fil-monasteru Ċisterċensi ta' Chiaravalle. San Bernard kien kitiblu hekk, "ecco dove ti possono trascinare queste maledette occupazioni, se continui a perderti in esse, nulla lasciando di te a te stesso". Kemm hemm bżonn li aħna wkoll, aħna lkoll nisimgħu din it-twissija u din is-sejħa biex nagħtu l-ewwel post fil-ħajja tagħna lit-talb u r-relazzjoni tagħna ma' Ġesu.

Dak inhar Benedettu XVI awgura li lkoll kemm aħna nkunu kapaċi insibu bilanċ bejn il-ħajja tagħna interjuri u x-xogħol, li jibqa' dejjem meħtieġ. Din hija xewqa dejjem diffiċli. Dan il-bilanċ iħoll u jorbot jekk aħna aħniex ħajjin jew aħniex diġa' mejtin u ma nafux. Jekk aħniex ngħixu tassew jew sempliċement neżistu. Ejja naraw x'igħidilna Ġesu' fil-Kapitlu 15 tal-Vanġelu skont San Ġwann, meta jitkellem fuq id-dielja u l-frieghi. Fost l-oħrajn igħidilna, "Ibqgħu fija, u jien nibqa' fikom…. Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn!" Il-Mulej jagħtikom i-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*



## ... mument speċjali

minn paġna 1

prezenti biex jaqsmu flimkien miegħu din il-ġurnata speċjali. Fil-bidu huwa rringrazja lil Alla ta' din il-ġurnata speċjali u qal li dejjem poġġa s-saċerdozju tiegħu f'idejn il-protezzjoni ta' San Ġużepp u tal-Qalb ta' Ġesù.

L-omelija saret mil-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM. Hu tkellem fuq l-vokazzjoni u fuq il-ħajja ta' Mons Sylvestru speċjalment f'dawn l-aħħar 18-il sena bħala missjunarju f'Benghazi, il-Libja fejn huwa kien ta' eżempju għal dawk kollha li kien qed imexxi.

Fl-aħħar tal-Quddiesa sar talb lil Qalb ta' Ġesù u ngħataw xi rigali kemm hu lill-Provinċja kif ukoll il-Provinċja lilu rranġrazzjatu tax-xhieda tiegħu f'dan l-aħħar żmien. AD MULTOS ANNOS.





Mejju

## Appuntamenti

**6** ta' Mejju, Vocations EXPO, Seminarju, RABAT

**14** ta' Mejju, Jum is-Sejħa Franġiskana: Ħamrun

**16** ta' Mejju, Formazzjoni Permanenti – Dar Frate Jacoba

**17** ta' Mejju, Definitorju Provinċjali - Rabat

**27** ta' Mejju, Irtiri ta' Dixxerniment Vokazzjonali (4)

### Birthdays - Mejju

07. P. Charles Diacono
08. P. Mark Enriquez
27. P. Raymond Falzon

### Festi - Mejju

03. P. Alexander Borg
03. P. Sandro Overend
12. P. Cherubim Galea

# "Għax bħal tagħkom kienet Qalbu, safja imbgħeda mill-ħtijiet."



Matul il-ġimgħa tal-Festa ta' San Ġużepp, li din is-sena saret fix-xahar ta' April minħabba li l-Għid ġie kmieni, il-Fraternità Franġiskana tagħna flimkien mal-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp tar-Rabat iċċelebraw l-festa f'ġieħ il-Patrijarka San Ġużepp.

Waħda mill-jiem ta' din il-festa tkun iddedikata lit-tfal kollha tal-Komunità Ġużeppina sabiex huma ukoll jifirħu u jkomplu jikbru fl-imħabba lejn Ġesù permezz ta' San Ġużepp. Għax tassew il-Qalb ta' Ġużeppi kienet safja u imbgħeda mill-ħtijiet bħat-tfal.

Din s-sena din il-festa għat-tfal tar-Rabat kienet xi ftit differenti minn tas-soltu għaliex fil-jiem ta' qabel il-festa xi tfal uħud minnhom mill-grupp tal-abbatini tal-Knisja tagħna, ippreparaw Intervista lil San Ġużepp bl-isem: ***"Ismi Ġużeppi".*** Tfajjel li interpreta il-parti ta' San Ġużepp ġie mistoqsi xi mistoqsijiet waqt l-omelija tal-Quddiesa minn tfal oħra mill-komunità dwar il-ħajja tiegħu fid-dar ta' Nazaret.

Wara din l-Intervista lil San Ġużepp f'ambjent ta' festa kif jafu jagħmlu t-tfal, poġġew fuq ras San Ġużepp Kuruna, b'tifkira tal-Inkurunazzjoni.

***Ħalluhom t-tfal jiġu għandi, għax tagħhom u ta' min hu bħalhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.***

Ejjew nieħdu ħsieb, nedukaw u nrawwmu lil dawn it-tfal li huma l-futur tal-Knisja ta' Kristu imqabbla mas-Saltna tas-Smewwiet. Ejja nkunu ta' eżempju għalihom bħal Ġużeppi fis-skiet fid-dar ta' Nazaret.

*Antoine Galdes*
*Postulant OFM*












## VOCA Choir



Fis-27 ta' Marzu, Ħadd il-Għid u fit-2 ta' April it-tieni Ħadd tal-Għid, magħruf aħjar bħala il-Ħadd tal-Ħniena Divina, ġewwa il-Knisja ta' Santa Marija tal-Anġli kanta il-Kor VOCA li huwa group 'Gospel'.

Fl-10.00 intalbet il-kurunella tal-Ħniena Divina bil-barka sagramentali u fl-10.30am bdiet quddiesa animata b'dan il-kor.

## Oħtna l-mewt iżżurna



Nhar il-4 ta' April s-Sinjura Mary Grech, (omm l-ministru Provinċjal, P. Richard Stanley Grech ofm), fl-età' ta' 93 sena.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija Mqaddsa b'suffraġju għal ruħha, sar nhar il-Ġimgħa 22 ta' April fil-Knisja Santa Marija ta' Ġesù r-Rabat.

## Irtir tax-xahar



Nhar it-Tnejn 4 ta' April fil-Kunvent ta' Santa Marija tal-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq iltaqgħu l-franternità lokali u dik ta' tas-Sliema għall-irtir tax-xahar. Kien mument fratern fejn iż-żewġ fraternitajiet talbu flimkien u ddiskutew temi relatati mal-Iskrittura u fl-aħħar spiċċaw b'ikla.

## Assistent għalliem



P. Joseph Ciappara, OFM, ġie maħtur assistent Lecturer fl-Università ta' Malta, fil-Fakultà tat-Teoloġija, Dipartiment tal-Iskrittura, Ebrajk u Grieg. Huwa se jkun jgħallem it-Testment il-Qadim u l-Lingwi Bibliċi.

Bħala Lecturer huwa se jkompli ssegwi r-riċerka akkademiku u b'hekk joffri l-kontribut tiegħu fil-qasam tal-istudji Bibliċi u Lingwistiċi. Huwa se jkun Lecturer tas-seminaristi u l-kandidati reliġjużi għas-saċerdozju wkoll u b'hekk jikkontribwixxi għall-formazzjoni tagħhom għas-saċerdozju.

## Irħama kommemorattiva




Is-Sibt 23 ta' April, il-Ministru Provinċjali P. Richard S. Grech OFM, Fr. Joe Caruana OFM, Fr. Gabriel Micallef OFM u Fr. Ġużepp Debono OFM attendew għall-Inawgurazzjoni u t-tberik ta' irħama kommemorattiva ad unur P. Akkursju Xerri fir-Rabat Għawdex mill-Isqof ta' Għawdex. L-okkazzjoni giet organizzata mill-President tas-Soċjetà Filarmonika 'La Stella', u mil-kuratur tal-mużew "Il-Ħaġar", Mons. Dr Joseph Farrugia.

# ... il-laqgħa f'Texas

minn paġna 1

Fost diversi laqgħat li kellhom, ma kinitx tonqos stedina t-Tlieta filgħaxija għal pranzu u ħin ta' mistrieħ minn kantanti Messikani! L-Erbgħa wara nofsinhar huma kellhom l-opportunità li jżuru mużew marittimu u jaraw video dwar l-uragan tal-1900.



Għal din il-laqgħa kien hemm il-Provinċjali tal-Amerika, il-Kanada, l-Ingilterra, l-Irlanda, Malta u l-Litwanja. Għal din il-laqgħa attenda d-Definitur Ġenerali tal-Lingwa Ingliża, is-Segretarju Ġenerali, u l-Ekonomu Ġenerali.

**L-AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*